

## II

(Attie mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 182/2010

tat-3 ta' Marzu 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti  
[Belokranjska pogača (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006<sup>(1)</sup> dwar prodotti agricoli u oggettij tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, it-talba tas-Slovenja biex id-denominazzjoni "Belokranjska pogača" tkun irregestrata, għiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>(2)</sup>.
- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irregestrata.

(3) Fit-talba ntalab ukoll li tiġi applikata l-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. Din il-protezzjoni għandha tingħata lid-denominazzjoni "Belokranjska pogača" fis-sens li, ladarba ma kienx hemm oġġezzjoni, ma setax jintwera li l-isem kien użat b'mod legali, magħruf u ekonomikament sinifikanti għal prodotti agricoli jew għal oggettij tal-ikel simili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Għandha tapplika l-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 137, 17.6.2009, p. 19.

## ANNESS

L-oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 509/2006:

**Klassi 2.3. Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera, galletti u gallettini**

IS-SLOVENJA

Belo kranjska pogača (STG)

L-użu tad-denominazzjoni huwa rriżervat.

---